



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-30 ta' Lulju 2020

Ir-“Regolamentazzjoni Aħjar” trid tibqa' fil-qalba tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE, jgħidu l-awdituri

Ir-“Regolamentazzjoni Aħjar” hija sett ta' prinċipji u għodod li l-Kummissjoni tuża biex tiżviluppa l-politiki tagħha u ttejjgħi l-proposti leġiżlattivi tagħha. Skont rapport analitiku ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, din kienet karatteristika ewlenija tat-tfassil tal-politiki tal-UE għal kważi 20 sena u hija waħda mis-sistemi l-aktar avvanzati fil-livell internazzjonali. Madankollu, jista' jsir aktar biex iċ-ċittadini u l-partijiet interessati l-oħra jiġu kkonsultati, biex titjieb il-bażi ta' evidenza għat-teħid ta' deċiżjonijiet, u biex jiġu promossi, immonitorjati u infurzati l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE.

Il-korp ta' leġiżlazzjonijiet tal-UE qed jiġi żviluppat b'mod kostanti hekk kif il-liġijiet jiġu adottati, emendati, imħassra jew jiskadu. Il-Kummissjoni tippromovi l-leġiżlazzjoni u għandha rwol ewleni f'dak li jirrigwarda l-monitoraġġ tal-applikazzjoni tagħha u l-evalwazzjoni tar-riżultati tagħha.

L-approċċ ta' Regolamentazzjoni Aħjar għandu l-għan li jiżgura li t-teħid ta' deċiżjonijiet ikun miftuħ u trasparenti, li iċ-ċittadini u l-partijiet interessati jistgħu jikkontribwixxu matul il-proċess kollu tat-tfassil tal-politiki u tal-liġijiet, li l-azzjonijiet tal-UE jiġu bbażati fuq evidenza u fehim tal-impatti probabbli, u li l-piżijiet regolatorji fuq in-negozji, iċ-ċittadini u l-amministrazzjonijiet pubbliċi jinżammu f'livell minimu. Il-Kummissjoni ilha tapplika l-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar għal kważi 20 sena. Skont studju reċenti tal-OECD, il-Kummissjoni stabbiliet waħda mis-sistemi ta' Regolamentazzjoni Aħjar l-aktar avvanzati fid-dinja.

“L-għan tar-Regolamentazzjoni Aħjar huwa li tiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun soda, ibbażata fuq l-evidenza, f'waqtha, trasparenti u tippromwovi l-obbligu ta' rendikont”, jgħid Pietro Russo, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport analitiku. “Permezz ta' dan ir-rapport analitiku, aħna għandna l-għan li nikkontribwixxu għad-dibattitu pubbliku dwar il-mod kif il-funzjonament tal-UE jista' jitjieb. Billi l-ħtieġa għal politika bbażata fuq l-evidenza qiegħda biss tiżdied dejjem aktar, ir-Regolamentazzjoni Aħjar trid tibqa' fil-qalba tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE, għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tan-negozji tagħna.”

Fir-rapport analitiku tagħhom, l-awdituri jfakkru li r-Regolamentazzjoni Aħjar ilha mill-2015 li saret waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni. Huma josservaw ukoll li reċentement il-Kummissjoni ħadet kont ta' kemm id-diversi għodod u proċessi għal Regolamentazzjoni Aħjar qed jiffunzjonaw tajjeb.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport analitiku sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

Fl-istess ħin, l-awdituri jidentifikaw għadd ta' sfidi fir-rigward tar-Regolamentazzjoni Aħjar fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE:

- o l-iżgurar li l-politiki u l-inizjattivi leġiżlattivi tal-UE jiġu koperti b'mod suffiċjenti minn *data* ta' kwalità tajba u f'waqtha kif ukoll minn evidenza li jappoġġaw il-konsultazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt *qabel* ma jittieħdu deċiżjonijiet (pereżempju, jiġu kkwantifikati l-ispejjeż u l-benefiċċji tad-diversi għażliet), kif ukoll li jitwettaq monitoraġġ *matul* l-implimentazzjoni ta' politika u li *wara* jiġu evalwati l-effetti tagħha;

- o l-issimplifikar aktar tal-leġiżlazzjoni tal-UE (eż. jiġu eliminati regoli jew proċeduri mhux meħtieġa, u li ċ-ċarezza għall-benefiċjarji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi tkun l-għan prinċipali, b'mod partikolari permezz ta' dokumenti ta' spjegazzjoni), kif ukoll il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-applikazzjoni tagħha fl-Istati Membri (eż. billi jintuża l-baġit tal-UE biex jgħin jiżgura li d-dritt tal-UE jiġi applikat, kif ukoll billi jiġi żviluppat qafas ta' sorveljanza kumplessiv bi prijoritajiet ta' infurzar u ta' parametri referenzjarji għat-trattament ta' każijiet ta' ksur);

- o it-titjib fit-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-partijiet interessati l-oħra, pereżempju billi l-attivitajiet ta' konsultazzjoni jsiru aktar viżibbli u aċċessibbli.

Barra minn hekk, billi l-ilħuq tal-għanijiet ta' Regolamentazzjoni Aħjar jiddependi wkoll mill-kooperazzjoni effettiva fost il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, l-awdituri jinsistu li huwa essenzjali li l-koleġiżlaturi jieħdu azzjoni f'dak li jirrigwarda l-impenji li saru fil-ftehim interistituzzjonali tal-2016 biex jipromwovu tfassil tal-liġijiet li jkun trasparenti u bbażat fuq l-evidenza. F'dan ir-rigward ukoll, l-awdituri jqisu li jista' jsir aktar biex il-valutazzjoni tal-emendi li jsiru mill-koleġiżlaturi tkompli titjeb, u biex tizzied it-trasparenza f'ċerti oqsma tal-proċedura leġiżlattiva (eż. il-laqgħat tat-"trilogu" u l-lobbjar).

Noti lill-Edituri

Ir-rapport analitiku tal-QEA *"It-tfassil tal-liġijiet fl-Unjoni Ewropea wara kważi 20 sena ta' Regolamentazzjoni Aħjar"* huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE. Rapport analitiku jippreżenta u jstabilixxi l-fatti li jikkonċernaw kwistjoni speċifika; iżda mhux awditu. Dan ir-rapport analitiku jibbaża fuq riżultati rilevanti li nkisbu minn awditi preċedenti, fuq valutazzjoni komparattiva internazzjonali, fuq analiżi ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku u ta' riċerka akkademika, kif ukoll fuq konsultazzjonijiet mal-partijiet interessanti u ma' esperti fil-qasam.

Reċentement, l-awdituri ppubblikaw rapporti relatati dwar il-[parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE](#) u [l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fil-prattika](#).

Informazzjoni dwar il-miżuri li l-QEA ħadet b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista' tinstab [hawnhekk](#).

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport analitiku

Claudia Spiti - claudia.spiti@eca.europa.eu - T: (+352) 4398 45547 / M: (+352) 691 553547